MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIO MERCIECA**

Seduta tad-19 ta' Novembru, 2004

Talba Numru. 55/2004

**Teddy u Adelina konjugi Curmi**

**vs**

**Olga Marsala u Maria Marsala ezercenti fil-kummerc bhala "Noto Trading"**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

"L-atturi ordnaw partita ta' elf mitejn u sittin (1260) balla ta' ilma minghand il-konvenuti li kellhom jigu kkonsenjati sa gimgha wara illi gie effetwat il-hlas ghas-sald ta' tali partita. L-atturi effetwaw il-hlas u l-konvenuti rrilaxxaw id-debita rcevuta fl-20 t'April tas-sena kurrenti izda minkejja diversi interpellazzjonijiet, il-konvenuti baqghu inadempjenti u ma kkonsenjaw l-ebda ilma.

Minkejja illi l-atturi talbu r-rifuzjoni tal-ammont ta’ disa’ mija u sebgha lira (Lm907) li thallas ghas-sald, il-konvenuti naqsu illi jeffetwaw tali rifuzjoni in vista tal-inadempiment kuntrattwali taghhom u ghalhekk, kellha ssir din il-kawza.

Inoltre, l-atturi sofrew danni da liquidarsi minhabba dina l-mankata konsenja, liema danni ma jeccedux is-somma ta’ erba’ mitt lira (Lm400).

Bl-ispejjez tal-ittra interpellatorja tat-8 ta’Gunju tas-sena kurrenti.

Bl-imghax legali mid-data tal-hlas sad-data tal-eventwali rifuzjoni.”

Sema’ l-provi mressqa mill-partijiet kontendenti

Ikkunsidra

Il-konvenuta Maria Marsala fid-deposizzjoni taghha ammettiet it-talba attrici u ghalhekk din ghandha titqies bhala debitament ippruvata. Kemm mix-xhieda tal-attur (li sfortunatament ma setghetx tigi traskritta minhabba problema teknika) kif ukoll mix-xhieda tal-konvenuta Maria Marsala jirrizulta inoltre li l-kuntrattazzjoni saret mal-konvenuta l-ohra Olga Marsala, zija tal-konvenuta l-ohra. Pero’ Maria Marsala accettat, fix-xhieda taghha, li tassumi r-responsabilta’ ghad-debitu intier. Min-naha taghhom l-atturi irriducew it-talba taghhom bis-somma ta’ LM400 stante pagament akkont fil-mori ta’ din il-procedura.

L-atturi talbu fl-avviz tat-talba: (1) rifuzjoni tal-prezz ta’ LM907 flimkien mal-imghax legali u (2) danni ghal telf ta’ qliegh li ma jeccedux is-somma ta’ erba mitt Lira minhabba n-nuqqas ta’ konsenja tal-merce minnhom mixtrija u cioe’ danni emergenti min-nuqqas ta’ adempjenza kuntrattwali da parti tal-konvenuti.

Kwantu ghar-rifuzjoni tal-prezz, jirrizulta li thallset is-somma ta’ LM400 f’data mhux specifikata fil-mori ta’ din il-kawza. Bl-applikazzjoni tal-principju tal-*favor debitoris* dan it-Tribunal qieghed iqis li din is-somma thallset fil-20

ta' Lulju 2004. Ghalhekk il-bilanc tal-prezz illum dovut u li ghandu jigi rifuz qieghed jinhadem bil-mod segwenti:

LM907 bl-imghax ta' 8% bejn l-20 t'April 2004 – data tal-hlas tal-flus - u l-20 ta' Lulju 2004 jammonta ghal LM18.14c.

LM907 u LM18.14c jammontaw ghal LM925.14. Wara li titnaqqas is-somma ta' LM400 jibqghu dovuti LM525.14 fl-20 ta' Lulju 2004.

Hawnhekk it-Tribunal jhoss li huwa xieraq li jirrimarka li kieku si tratta biss ta' nuqqas ta' morosita' tal-hlas ta' somma flus, allura d-danni jistghu biss jikkonsistu fl-imghax legali, independentement mill-possibilita' li l-flus setghu gew investiti biss b'rata inqas ta' mghax, jew min-naha l-ohra li setghu jigu nvestiti f'operazzjonijiet kummercjali li jhallu profitti oghla. Izda f'din il-kawza mhux biss talba ghal somma flus li trid tigi restitwita, imma wkoll talba ghal-likwidazzjoni ta' danni kkawzat minhabba n-nuqqas ta' adempiment ta' obbligazzjoni, konsistenti f'dan il-kaz fil-konsenja ta' fliexken tal-ilma li l-atturi kienu sejrin jergghu ibieghu presumibilment bi profitt. Ghalhekk id-danni ghandhom ikunu jikkonsistu fit-telf ta' dan il-profitt li sejrin jigu likwidati *arbitrio boni viri,* tenut kont li l-atturi qeghdin ukoll jithallsu l-imghax kif fuq inghad u illi l-likwidazzjoni tad-danni ghandha tkun immirata biex tindennizza lill-kreditur ghat-telf minnu soffert, u mhux biex dan jigi f'posizzjoni iktar vantaggjuza milli kieku, f'dan il-kaz, il-kuntratt gie debitament ezegwit.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' l-ewwel talba tal-atturi kif ridotta billi jikkundanna lill-konvenuti solidalment bejniethom ghall-hlas ta' LM525.14 bl-imghax legali mill-20 ta' Lulju 2004 sad-data tal-eventwali hlas effettiv u jilqa' t-tieni talba billi jillikwida d-danni konsistenti f'telf ta' qliegh fis-somma ta' LM150, bl-imghax legali dekorribbli mill-1 t'April 2005, f'liema data din is-sentenza ssir esegwibbli, u dan fuq qbil bejn il-partijiet kontendenti, stante l-posizzjoni prezenti tal-konvenuta Maria Marsala; bl-ispejjez inkluzi d-drittijiet tal-

atturi u dawk tal-ittra interpellatorja tat-8 ta' Gunju 2004 a kariku tal-istess konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------